MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### NOEL CUSCHIERI

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2005

Citazzjoni Numru. 236/2005

Kawza fil-lista: 17

**C. Fino & Sons Limited (C2468)**
**Vs**
**S.M. Developments Limited (C23769)**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih s-socjeta' attrici ppremettiet:

Peress illi b'kuntratt tas-sebgha u ghoxrin ta' Awissu tas-sena elfejn u wiehed (27/08/2001) is-socjeta' istanti kriet lis-socjeta' konvenuta S.M. Developments Limited il-fond "Frezza Building", Notabile Road, Mriehel, versu l-kera annwali kif imnizzel fuq l-esibit B unit ma' l-istess kuntratt (Dok. "A" hawn unit).

U peress illi b'sentenza tas-sbatax ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlieta (17/10/2003) dina l-Onorabbli Qorti ordnat it-terminazzjoni tal-lokazzjoni ta' l-imsemmi fond mikri u ordnat l-izgumbrament tas-socjeta' konvenuta mill-istess "Frezza Building" fuq riferut (Dok. "B" hawn unit).

U peress illi s-socjeta' konvenuta ghandha thallas is-somma ta' elf sebgha mija u erba u sittin lira maltija u tmienja u tletin centezmi (Lm1,764.38c) bhala kera ta' l-istess fond mikri ghall-perijodu mill-ewwel ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta (01/09/2003) sas-sittax ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlieta (16/10/2003), li bis-somma ta' mitejn u erba u sittin lira maltija u sitta u sittin centezmi (Lm264.66c) bhala taxxa tal-valur mizjud komplessivament tlahhaq ghall-ammont ta' elfejn u disa u ghoxrin lira maltija u erba centezmi (Lm2,029.04c).

U peress illi nonostante t-terminazzjoni tal-lokazzjoni tal-fond "Frezza Building", Notabile Road, Mriehel, b'effett mis-sbatax ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlieta (17/10/2003) kif fuq inghad is-socjeta' konvenuta baqghet illegalment tokkupa l-istess fond "Frezza Building" li ghadha tokkupah hekk sallum.

U peress illi dina l-okkupazzjoni illegali qed tikkaguna danni lis-socjeta' attrici.

Tghid ghalhekk is-socjeta' konvenuta l-ghaliex ma ghandhiex dina l-Qorti, ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tikkundannha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm2,029.04c bhala kera u taxxa tal-valur mizjud, tal-fond "Frezza Building", Notabile Road, Mriehel u dana ghall-perijodu mill-1 ta' Settembru 2003 sas-16 ta' Ottubru 2003.

2. Tiddikjarha responsabbli ghad-danni li soffriet is-socjeta' attrici minhabba l-okkupazzjoni illegali ta' l-imsemmi fond "Frezza Building", Notabile Road, Mriehel, sa mis-17 ta' Ottubru 2003.

3. Tillikwida l-ammont hekk dovut bhala danni, jekk hemm bzonn bl-opra ta' periti nominandi.

4. Tikkundannha thallas lis-socjeta' attrici dik is-somma hekk likwidata in linea ta' danni kif intqal fuq u ghar-ragunijiet premessi.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni prezentat kontestwalment ma' dina c-citazzjoni u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta' konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat in-nota prezentata mis-socjeta' attrici fil-25 ta' Mejju 2005 u l-verbal registrat fl-udjenza ta' dak in-nhar stess mill-istess socjeta' fejn iddikjarat li "l-ammont kollu pretiz minnha huwa fl-ammont ta' Lm20,646.68";

Rat in-nota tas-socjeta` konvenuta li biha ammettiet it-talbiet attrici kif specifikati fl-imsemmija nota ta' l-attrici;

Ikkunsidrat;

Mill-ammissjoni tas-socjeta` konvenuta, it-talbiet attrici jirrizultaw provati fl-ammont imsemmi ta' Lm20,646.68

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talbiet` attrici fl-ammont komplessiv ta' ghoxrin elf, sitt mija sitta u erbghin lira maltin u tmienja u sittin centezmu [Lm20,646.68], u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici din is-somma ta' Lm20,646.68, bl-imghax legali millum, u bl-ispejjez kif mitluba kontra s-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------